MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 362/2006/2

**F. Advertising Limited (C27689)**

**vs.**

**Francis u Antonia konjugi Grixti.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors tal-Appell ghar-ritrattazzjoni tal-konvenuti Francis (ID 411950M) u Antonia (ID 78645M) konjugi Grixti datat 27 ta' Frar 2009 a fol. 1 tal-process fejn esponew:-

Illi b'rikors fl-ismijiet premessi prezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 ta' Novembru 2006, is-socjeta` attrici talbet lil dik il-Qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati li jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef Lira Maltin, (Lm5,000),

rapprezentanti ammont li huwa dovut minnhom ghal servizzi ta' reklamar debitament rezi fuq inkarigu taghhom *ai termini* ta' skrittura privata ffirmata minnhom datata 4 ta' April tas-sena 2006, annessa u mmarkata Dok "A"; Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' dak l-avviz, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Illi l-esponenti eccepew illi t-talba attrici hija nfondata *stante* li:

a) L-iskrittura privata datata 4 ta' April tas-sena 2006 hija nulla u kwindi bla ebda effett legali *stante* li tali ftehim jikkwalifika bhala "*doorstep contract*" kif definit fil-**Kap. 317 tal-Ligijiet ta' Malta** u bhala tali, l-imsemmi ftehim huwa nieqes u difettuz f'diversi elementi essenzjali li skont l-istess **Kap. 317** kienu mehtiega *'ad validitatem' ;*

b) Sussidjarjament u bla pregudizzju l-istess ftehim huwa null u bla effett *stante* li jikkontempla *causa illecita*, u cioe' uzura;

c) Sussidjarjament u bla pregudizzju wkoll, is-socjeta` rikorrenti kienet inadempjenti fis-servizzi li kellha tirrendi lill-konvenuti sabiex tkun tista' tkun intitolata ghas-somma pretiza;

d) Sussidjarjament u bla pregudizzju, is-somma pretiza ta' hamest elef Lira Maltin, (Lm5,000), giet kalkolata arbitrarjament mis-socjeta` rikorrenti fuq il-prezz ta' offerta ta' bejgh ghas-somma ta' Lm195,000 mentri effettivament il-fond gie promess in trasferiment ghas-somma ta' Lm155,000;

e) Sussidjarjament u bla pregudizzju, is-somma pretiza hija fi kwalunkwe kaz eccessiva ghas-servizzi resi.

Illi b'sentenza moghtija fil-25 ta' Marzu 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) iddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet tas-socjeta` attrici u konsegwentement iddikjarat li l-konvenuti Francis u Antonia konjugi Grixti kienu debituri

lejn is-socjeta` attrici F. Advertising Limited fl-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (Lm5,000), ekwivalenti ghal hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u disghin centezmu, (€11,646.90); bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet dovuti kontra l-konvenuti.

Illi l-esponenti nterponew appell minn din is-sentenza.

Illi din l-Onorabbli Qorti, b'sentenza moghtija fit-28 ta' Novembru 2008 cahdet l-appell interpost u kkonfermat is-sentenza appellata bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti, cioe` r-rikorrenti odjerni ritrattandi, wara li kkunsidrat:

*"L-ewwel Qorti ddeterminat, fuq il-gudizzju taghha tal-provi, illi l-kwalifikazzjoni guridika tar-rapport bejn il-kontendenti ma kinetx tohrog mill-**Kapitolu 317**. Ghall-istess konkluzjoni tasal is-socjeta` attrici appellata fir-risposta tal-appell taghha. Mhux l-istess jaghmlu l-konvenuti appellanti in kwantu anke f'din is-sede huma jkomplu jinsistu, fuq l-interpretazzjoni taghhom ta' dan l-istess rapport, illi l-materja kienet regolata mid-disposizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu imsemmi, bir-rizultat illi, dejjem skont il-fehma tal-istess appellanti, il-kuntratt stipulat kellu jitqies null ghax bi ksur tal-**artikoli 4, 5, 7** u **8** tieghu;*

*Ir-riflessjonijiet generali li taghmel din il-Qorti tal-ligi specjali promulgata bil-**Kapitolu 317** huma s-segwenti:-*

*(1) L-Att huwa wiehed limitativ ghar-regolamentazzjoni ta' provediment jew fornitura ta' kull tip ta' oggetti jew ta' servizzi maghmula minn persuna, appositament licenzjata, permezz ta' kuntratt "fuq l-ghatba tal-bieb", ossija, kif alternattivament maghrufa, bhala "offerta fuori sede", jew "extra-murali", jew "vendita a domicilio";*

*(2) Din l-istess regolamentazzjoni jidher li kienet hekk principalment intiza mil-legislatur biex tittutela u tipprotegi lill-konsumatur billi fil-kazijiet precitati toffrilu l-possibbilta` li, wara debita riflessjoni fuq il-konkluzjoni tal-affari ghal liema ssottoskriva, hu jkun jista' ghal perijodu ta' zmien,*

*jirretrocedi mill-kuntratt u jxolji l-obbligi tieghu li minn dak il-kuntratt idderivaw;*

*(3) Il-koncessjoni ta' din il-jus poenitendi huwa proprjament mahsub biex jovvja ghall-perikolu ta' operazzjoni "aggressiva" jew "sorprendenti" mill-bejjiegh, anke jekk mhux necessarjament illecita jew ingannevoli;*

*(4) Naturalment, din il-karatteristika evidenti tal-ligi hi intiza biex tkopri "la sorpresa con cui l'offerta viene fatta al risparmiatore che e raggiunto dalle sollecitazioni senza essersi mosso spontaneamente per cercarla" (**F. Piga - A. M. Segni**, voce "**Societa' e borsa**", in "**Enciclopedia del diritto**", Vol. XLII, Ed. 1990, pagna 1151), u mhux ukoll ghal kaz fejn il-kontrattazzjoni tkun dovuta ghall-inizzjattiva tal-konsumatur innifsu. Din l-ahhar prospettiva hi, anzi, eskluza mill-portata tal-Att. Ara **artikolu 3 (a) tal-Kapitolu 317;***

*Applikat dan li nghad ghal fattispeci tal-kaz in ezami din il-Qorti ma ssibx li tista' ssostni l-eccezzjoni tal-appellanti riferibilment ghall-applikabbilta` tal-Att imsemmi. L-atti probatorji juru li kienu l-appellanti nfushom li rricerkaw l-assistenza tas-socjeta` attrici ghar-reklamar tal-bejgh tal-fond taghhom. Kienet din l-inizjattiva esklussiva taghhom li wasslet ghall-konkluzoni tal-kuntratt ta' bejniethom. Il-fatt li dan l-istess kuntratt gie kompletat u ffirmat mill-kontraenti fid-dar tal-appellanti hi xi haga merament incidentali, dovuta wkoll ghall-fatt illi, kif spjegat mix-xhud Edward Baldacchino (fol. 38), "wiehed irid jara l-proprjeta`".*

*Agguntivament, wiehed ma jridx lanqas jinsa illi "kuntratti li jirrigwardaw il-proprjeta` mmobbli jew drittijiet relattivi" [**artikolu 3 (d)**] huma wkoll eskluzi mill-isfera ta' applikazzjoni taht il-ligi partikolari. Fic-cirkustanzi, ma jidhirx li kienet zbaljata l-ewwel Qorti li ma kkunsidratx il-kontrattazzjoni bhala wahda maghmula fuq l-ghatba tal-bieb. L-ewwel aggravju qieghed, ghaldaqstant, jigi dikjarat insostenibbli;*

*In vista ta' din il-konkluzjoni, il-kuntratt bejn il-partijiet ghandu jibqa' wiehed regolat mid-dixxiplina kodicistika taht il-**Kapitolu 16**. Li jfisser, fit-termini tal-**artikolu 1132 tal-Kodici Civili**, illi s-socjeta` attrici appellata kellha, b'dover, tadempixxi l-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha bid-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja;*

*Fil-kaz partikolari kien mistenni mis-socjeta` attrici illi din id-diligenza tittraduci konkretament ruhha f'attivita` li tippromwovi, b'reklamar promozzjonali u pubblicistiku, l-opportunita` tal-akkwist tal-proprjeta` immobbli tal-appellanti skont il-karatteristici intrinsici taghha. Tali attivita` kienet tintegra fiha l-prestazzjonijiet dedotti fil-kuntratt ta' ftehim tal-4 ta' April, 2006 (fol. 119). Ma jidherx, ghall- anqas mix-xhieda ta' Vincent Baldacchino (fol. 14), u sa certu punt mid-deposizzjoni tal-appellanti Francis Grixti (fol. 43), illi dawn il-prestazzjonijiet - reklamar fil-magazine "Owners Best", u promozzjoni permezz tal-website tal-kumpanija u tat-televizjoni - ma sarux, anke jekk hu ssuggerit mit-testimonjanza tal-appellanti illi dawn x'aktarx saru saltwarjament. Fil-kumpless, fuq il-valutazzjoni taghha tal-provi, din il-Qorti hi sodisfatta illi s-socjeta` attrici appellata wettqet il-kompiti taghha rizultanti mir-rapport kontrattwali u skont ir-rwol assunt minnha. Mhux allura accettabbli l-kritika tal-appellanti ta' inadempiment fis-socjeta` attrici appellata. Anke allura t-tieni aggravju qed jigi respint;*

*Fuq l-ahhar motiv ta' aggravju sottomess in via sussidjarja, din il-Qorti ftit ghandha x'tikkummenta. Il-kuntratt ta' ftehim jipprovdi illi ghas-servizzi moghtija l-appellanti kellhom ihallsu s-somma prestabbilita ta' hamest elef lira (Lm5,000). Dan fit-termini fl-istess kuntratt preskritti. Hi disposizzjoni espressa tal-Kodici Civili fl-artikolu 992 (1), illi l-kuntratt hu ligi ghall-partijiet kontraenti. Jinzel minn dan il-karattru enfatiku tal-artikolu tal-ligi illi l-partijiet kienu tenuti jirrispettaw ittermini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt, anke ghaliex "pacta sunt servanda", u l-kuntratt ma setax jimmodifika ruhu bil-volonta" unilaterali ta' xi parti. La s-somma f'din il-kawza kienet wahda prefissa u maqbula, mhux il-kompitu ta' din*

*il-Qorti li tikkwerela l-mod kif din giet ikkalkolata. Anke dan l-ahhar ilment qed jigi rigettat."*

**Illi l-esponenti qeghdin jitolbu r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi deciza minn din il-Qorti bis-sentenza tat-28 ta' Novembru 2008 ghas-segwenti ragunijiet abbazi tas-subartikolu (e) tal-artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12).**

Illi l-applikazzjoni hazina tal-ligi li minhabba fiha qed tintalab ir-ritrattazzjoni hija s-segwenti:-

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza in kwistjoni applikat id-dispositiv tal-**artikolu 3 (d) tal-Kap 317 tal-Ligijiet ta' Malta** sabiex eskludiet il-kontrattazzjoni in kwistjoni mill-applikabbilta` tad-disposizzjonijiet tal-istess **Kap 317** li jittratta dwar *'doorstep contracts'*. Fil-fatt mir-rizultanzi tal-provi dwar il-kaz, l-artikolu fuq imsemmi ma kienx applikabbli izda kienu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 3 (a)** tal-istess **Kap 317 (Att Dwar il-Kuntratti Fuq l-Ghatba tal-Bieb)** kif ukoll, sussidjarjament, id-disposizzjonijiet tal-**Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap 378)** u senjatament it-tifsir ta' *'riklam'* u *'servizzi'* mfissra fl-**artikolu tnejn** (2) u d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 44 (2)** ta' dan l-ahhar imsemmi Att.

Illi l-Qorti taL-Appell irriteniet li l-kuntratt in kwistjoni ma kienx wiehed li ghalih japplika l-**Kap 317** *stante* li rritenietu bhala kuntratt li jirrigwarda *'propjeta` mmobbli jew drittijiet relattivi'* kif kontemplat fl-imsemmi **artikolu 3(d)** u ghalhekk eskluz mill-applikabbilta` tad-disposizzjonijiet ta' dak l-Att.

Issa skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15A** tal-istess Att, l-ghan tal-Att kien li jimplimenta d-disposizzjonijiet tad-**Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE tal-20 ta' Dicembru 1985** *'biex thares lil konsumatur rigward kuntratti nnegozjati barra mil-lok tan-negozju u d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ghandhom jigu applikati u interpretati b'dan il-mod.'* Il-Qorti tal-Appell kienet inkorretta li tikkwalifika l-kuntratt in kwistjoni bhala kuntratt li kien jirrigwarda

propjeta` mmobbli jew drittijiet relattivi. Il-kuntratt in kwistjoni la kien konvenju ghal bejgh ta' propjeta` u lanqas kien jirrigwarda xi drittijiet konnessi ma trasferiment ta' drittijiet reali fuq xi propjeta`. Kien semplicement kuntratt ta' servizzi u reklamar ghal bejgh ta' propjeta` mmobbli u ghalhekk l-**artikolu 3 (d),** li kien altrimenti jeskludih mill-applikabbilta` **tal-Kap 317**, ma kienx fil-fatt applikabbli. F'dan il-kuntest l-esponenti jaghmlu riferenza ghal dak li jikkwota ***Stephen Weatherill*** fil-ktieb tieghu ***"EU Consumer Law and Policy'"*** fejn il-Qorti rriteniet li ftehim ta' self mill-bank mill-konjugi Heininger sabiex huma jakkwistaw propjeta` mmobbli kien ftehim li kien jinkwadra ruhu f' *“doorstep contract'* u kwindi kellu jigi regolat mid-disposizzjonijiet ta' dak l-Att (*vide* Dok. “A”). Dan il-kaz jaghti ndikazzjoni cara li trid issir distinzjoni bejn kuntratti li jikkoncernaw drittijiet reali konnessi ma’ proprjeta` mmobbli u kuntratti ohra li semplicement huma relatati indirettament ma’ propjeta` mmobbli u li ghalhekk ma jeskludux l-applikazzjoni tal-protezzjoni lil konsumatur li jaghti l-**Kap 317**. Kif jirreferi l-awtur fuq imsemmi fuq x'qalet il-Qorti fil-kaz tal-konjugi Heininger *"The Heiningers had not been given the required information on their right to withdraw. Therefore their right endured".*

Illi *in vista* tas-suespost, il-Qorti tal-Appell kellha tapplika l-**artikolu 3 (a) tal-Kap 317** u, wisq aktar importanti l-*proviso* tal-istess artikolu li allura jgib il-konsegwenza li l-kuntratt in kwistjoni kellu jigi ritenut bhala *'doorstep contract'* u konsegwentement kellu jkollu *‘ad validitatem'* is-salvagwardji kontemplati fl-istess Att - salvagwardji li jirrizultaw kjarament li ma kienux jezistu u li ghalhekk jirrendu l-ftehim in kwistjoni null u mhux enforzabbli.

Illi *una volta* applikata l-ligi korretta in materja, il-ftehim meritu tal-kawza odjerna kellu jigi ritenut bhala null mhux biss abbazi tal-**artikoli 4, 5, 7** u **8** tal-istess **Kap 317** izda ukoll abbazi, fi kwalunkwe kaz, tal-fatt li l-istess ftehim kien jikser id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 44 (2) (c) (e) (g) (h) (k) (r) (u)** u **(x) tal-Att Dwar Affarijiet tal-Konsumatur (Kap 378).**

Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt li jatu garanzija biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjes ta' din il-procedura, u filwaqt li jaghmlu riferenza ghal provi gja prodotti u dawk producibbli f'dan l-istadju, umilment jitolbu li s-sentenza fuq imsemmija moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru 2008 tigi mhassra ghat-tenur tal-**artikolu 811 (e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** ghar-ragunijiet fuq imsemmija u tigi ordnata r-ritrattazzjoni tal-kawza skont il-ligi.

Bl-ispejjes.

Rat id-dokument esebit a fol. 7 tal-process;

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici ghar-rikors ta' ritrattazzjoni prezentat mill-appellanti konjugi Grixti datata 16 ta' Marzu 2009 a fol 11 tal-process fejn espona bir-rispett:-

1. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li r-rikorrenti konjugi Grixti ghadhom ma ddepozitawx il-garanzija rikjesta mill-ligi *ai termini* tal-**artikolu 815** u **249 Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta**, liema nuqqas *per se* jirrendi t-talba taghhom nulla u bla effett;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess jinghad *inoltre* li d-dokument esebit mar-rikors taghhom ghandu jigi sfilzat peress li ma hux ammissibbli li jingieb f' dan l-istadju;

3. Illi fit-tielet lok u fil-meritu ghandu jirrizulta li t-talba tal-konjugi Grixti ghal ritrattazzjoni tal-kaz odjern ma hiex gustifikata legalment peress illi fis-sustanza l-aggravvju taghhom huwa msejjes fuq allegata nterpretazzjoni erronja tal-ligi u mhux daqstant fuq applikazzjoni hazina tal-ligi, liema cirkostanza kif hawn jinghad ma hiex accettabbli ghal kaz ta ritrattazzjoni;

4. Illi difatti l-eccezzjoni sollevata mill-bidu nett da parti tal-konjugi Grixti kienet fis-sens li l-kuntratt *de quo* jaqa' taht id-disposizzjonijiet kontemplati fil-**Kap 317 tal-Ligijiet ta' Malta**;

5. Illi kemm L-Ewwel Qorti u kif ukoll il-Qorti tal-Appell, wara li ghamlet apprezzament tal-provi migjuba u wara li ezaminat il-**Kap 317** invokat mill-konjugi Grixti, it-tnejn waslu ghal konkluzjoni li l-istess **Kap 317** ma kienx applikabbli ghal kaz odjern;

6. Illi l-istess Qorti tal-Appell waslet ghal decizjoni taghha li tiskarta l-**Kap 317** wara li ghamlet esercizzju ta' interpretazzjoni tad-diversi klawsoli kontemplati fil-**Kap 317** dejjem tenut kont tal-evalwazzjoni u apprezzament tal-provi mressqa fil-kaz odjern;

7. Illi ghalhekk ma humiex korretti l-konjugi Grixti li jallegaw li l-Qorti taI-Appell ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi peress illi l-istess Qorti tal-Appell fil-fatt ezaminat il-**Kap 317** invokat minnhom pero` fuq bazi ta' interpretazzjoni li hija esercitat fuq l-istess Kap, waslet gustament ghal konkluzjoni li tali Kap tal-ligi ma kienx applikabbli ghal meritu tal-kaz odjern;

8. Illi l-konjugi Grixti jistghu ma jaqblux mal-interpretazzjoni maghmula mill-Qorti tal-Appell fuq il-**Kap 317** pero` tali nuqqas ta' qbil certament ma jintitolax lill-konvenuti appellanti sabiex jintavolaw talba ghal ritrattazzjoni fuq din il-bazi;

9. L-**artikolu 811 (e) Kap 12** jistipula li ghandu jkun hemm lok ghal ritrattazzjoni f'kaz li s-sentenza tkun applikat il-ligi hazin. Pero` huwa mportanti li jigi notat li dan l-artikolu jzid ighid is-segwenti:-

*"ghal finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni;*

10. Illi fil-kaz in ezami ghandu jirrizulta car li l-Qorti tal-Appell tat id-decizjoni taghha skont il-ligi u qabel ma waslet ghad-decizjoni taghha, hija kkunsidrat tassew jekk

il-**Kap 317** invokat mill-konvenuti kienx applikabbli *o meno* ghal kaz odjern. Fil-fatt is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tinsab imsejsa fuq interpretazzjoni li hija tat fuq dan il-**Kap 317** u ghalhekk certament wiehed ma jistax jikkontendi li l-Qorti tal-Appell applikat hazin il-ligi u dan semplicement ‘il ghaliex wiehed ma jaqbilx mal-interpretazzjoni li hija tkun tat fuq l-istess ligi.

11. Il-Gurisprudenza Maltija fuq l-**artikolu 811 (e) Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta** hija voluminuza u ben stabbilita kif ser jigi rifless hawn taht-

a) **Michael Charles Gauci vs Alfred Vella pro et noe** (App 10 ta’ Ottubru 2003) ir-rimedju ta’ ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga ghal principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima *res iudicata pro veritate habetur*. Minn dan titnissel il-konsegwenza taghha li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta’ <u>interpretazzjoni strettissima.......</u>biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid u ferm u
ferm anqas ma jistghu dawn il-fatti jigu valutati jew interpretati mill-gdid fil-kors tal-procedura tar-ritrattazzjoni"

b) L-istess intqal fil-kaz **Alfred Grech et vs Joseph Muscat et** (App 28 ta’ Jannar 2005);

c) **Guido Vella J A&CE vs Dr Emmanuel Cefai** (App 27 ta’ Marzu 2003): Hawn il-Qorti tal-Appell sede superjuri ziedet tghid illi "lanqas jistghu (il-fatti) jigu valutati jew interpretati mod iehor ghajr kif gew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata.... Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-mottiv (e) *nonostante* l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi skorretta.

12 Kif gia` nghad fil-kaz in ezami l-konjugi Grixti invokaw l-applikazzjoni tal-**Kap 317** u l-Qorti tal-Appell fl-ezercizzju li hija ghamlet fil-kunsiderazzjoni u nterpretazzjoni ta' dan il-Kap, waslet ghal konkluzjoni li tali Kap ma kienx jghodd fir-rigward tal-*fattispecje* ta' dan il-kaz u dan ghar-raguni minnha moghtija – pero` certament biex waslet ghal tali konkluzjoni, l-Qorti tal-Appell tkun ikkunsidrat id-disposizzjonijiet kollha kontemplati f'tali **Kap 317** biex tkun waslet ghad-decizjoni taghha li tali Kap ma hux applikabbli ghal raguni jew ohra stipulati fl-istess Kap. Il-fatt li l-Qorti tal-Appell skartat il-**Kap 317** ghal wahda jew aktar mid-disposizzjonijiet tal-istess Kap dan jammonta ghal esercizzju ta' nterpretazzjoni tad-disposizzjonijiet varji fl-istess Kap u certament kwindi mhux konducenti ghal argument ta' applikazzjoni ta' ligi hazina;

13. **Emmanuel Demanuele et vs Fast Food Services Ltd** (app inf 2 ta' Gunju 2003). B'zieda ghal dawk li qalu s-sentenzi precedenti hawn fuq kwotati dan il-gudikat ikompli jispjega dwar id-distinzjoni bejn applikazzjoni hazina tal-ligi u nterpretazzjoni tal-ligi cioe:-

a) il-Qorti f'gudizzju ta' ritrattazzjoni ma tistax tindaga bhal fil-kaz ta' appell regolari dwar il-fatti hekk kif stabbiliti mill-Qorti kienux korretti jew le; izda biex jigi stabbilit jekk kienx hemm applikazzjoni zbaljata tal-ligi trid tittiehed bhala unika bazi l-fatt hekk kif stabbilit mill-Qorti fis-sentenza attakkata;

b) Gudizzji ta' mera interpretazzjoni ta' fatt dubjuz jew kontrovers ossia gudizzji li bihom il-gudikat minnhabba t-tenur ta' att interpretattiv tal-volonta dubjuza u oskura tal-partijiet, huma gudizji sovrani tal-gudikant li jkun ddecieda l-meritu u mhux censurabbli in gudizzju ta' ritrattazzjoni;

c) Irid jigi provat li giet applikata l-ligi hazina u <u>mhux il-ligi tajba b'mod hazin</u>.

14. L-istess argument gie trattat u deciz fil-kaz **Philip Amato Gauci et vs Angelo Agius** (App Inf 24 ta' Novembru 2003) u fil-kaz **Joseph Difesa vs L-Awtorita`**

**ta' Malta Dwar l-Ambjent u L-Ippjanar**, (App Inf 6 ta' April 2005);

15. Illi tant il-konvenuti appellanti konjugi Grixti qeghdin jilmentaw mis-sentenza tal-Appell fuq kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-ligi u mhux daqstant applikazzjoni zbaljata tal-ligi, illi anke fir-rikors taghhom ghal ritrattazzjoni huma jsemmu li "**huma jkomplu jinsistu fuq l-interpretazzjoni taghhom (tal-konvenuti) ta' dan l-istess rapport, illi l-materja kienet regolata mid-disposizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu msemmi (Kap 317**)". Il-fatt li l-Qorti tal-Appell ma qablitx mal-interpretazzjoni taghhom tal-**Kapitolu 317** certament ma jintitolahomx biex iressqu talba ghal ritrattazzjoni;

16. Illi anqas ma huwa gust l-appellant Grixti fir-rikors tieghu fejn semma' li l-Qorti tal-Appell eskludiet l-applikabbilita` tal-**Kap 317** ghal kaz odjern biss a bazi tal-**artikolu 3 (d)** peress illi jdher mill-istess sentenza li l-istess Qorti tal-Appell ikkunsidrat ukoll l-**artikolu 3 (a)** li jitkellem fuq il-kaz fejn il-kuntratt ikun gie trattat u konkluz fuq inizjattiva esklussiva tal-konsumatur innifsu u rriteniet li l-*proviso* ghall-istess artikolu ma kienx applikabbli ghal kaz odjern;

17. Illi l-appellanti konjugi Grixti jaffermaw li l-Qorti tal-Appell messha applikat il-*proviso* tal-**artikolu 3 (a)** - bazikament din hija r-raguni li qed jaghtu ghat-talba taghhom ta' ritrattazzjoni. Illi meta wiehed iqis il-Qorti tal-Appell fil-fatt dahlet, ezaminat u trattat proprjament dan l-artikolu fis-sentenza taghha pero` waslet ghal konkluzjoni, wara li nterpretat tali artikolu, li l-istess *proviso* ma kienx applikabbli ghal kaz odjern huwa l-akbar manifestazzjoni tal-fatt li dan ir-rikors tal-konvenuti jinsab interament imsejjes fuq kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-**Kap 317** b'mod partikolari tal-**artikolu 3** u kwindi mhux kwistjoni li l-Qorti applikat il-ligi hazina jew l-ligi b'ohra.

18. Illi ghalhekk kif gia` nghad hawn fuq kwistjonijiet ta' interpretazzjoni ta' ligi jew applikazzjoni tal-ligi t-tajba b'mod zbaljat ma jaghti ebda dritt ghal ritrattazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 811 (e) Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u

konsegwentement it-talba tal-konvenuti konjugi Grixti ma hiex gustifikata jew ammissibbli legalment.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet u kif ukoll ghar-ragunijiet kollha migjuba fir-risposta tal-appell tas-socjeta` attrici u *inoltre* ghal dawk li jistghu jingiebu waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri, is-socjeta` esponenta filwaqt li taghmel referenza ghal provi gia` prodotti u tirriserva li tressaq il-provi l-ohra kollha u taghmel dawk l-osservazzjonijiet permissibbli skont il-ligi, titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tal-konvenuti ghat-thassir u ghar-revoka tas-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija fit-28 ta' Novembru 2008 minn din il-Qorti tal-Appell u t-talba biex tigi ritrattata l-istess sentenza. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti rikorrenti konjugi Grixti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Philip Sciberras fejn il-Qorti hekk kif komposta astjeniet milli tisma' din ir-ritrattazzjoni u ordnat li din il-kawza ta' ritrattazzjoni titnehha minn fuq il-lista tal-kawzi taghha.

Rat id-digriet tas-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef Vincent De Gaetano datat 4 ta' Mejju 2009 fejn l-istess kawza giet assenjata lill din il-Qorti kif presjeduta.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghall-10 ta' Gunju 2009.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma fejn fis 7 ta' Ottubru 2009 trattaw id-difensuri tal-partijiet u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Frar 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza tirrigwarda talba da parti tal-konvenuti ritrattandi sabiex din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet **F. Advertising Limited vs Franco Grixti et** mghotija fit-28 ta' Novembru 2008 mill-Qorti tal-Appell u dan sabiex din l-istess kawza tigi ritrattata.

Illi l-konvenuti ritrattandi qeghdin isejsu t-talbiet taghhom fuq l-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** illi jipprovdi illi:-

*"Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili, Prim Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

[…]

*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;*

*ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;*

Illi jsostnu dan peress illi skont huma l-Qorti ta' l-Appell kienet zbaljata in kwantu hija applikat l-**artikolu 3 (d) tal-Att Dwar il-Kuntratti fuq l-Ghatba tal-Bieb (Kap. 317 tal-Ligijiet ta' Malta)** u ma applikatx l-**Artikolu 3 (a)** ta' l-istess Att kif ukoll d-definizzjonijiet ta' 'reklam' u ta' 'servizzi' skont l-**artikoli 2 tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta)**, kif ukoll l-**artikolu 44 (2)** tal-istess Att. Isostnu illi gjaladarba l-Qorti ta' l-Appell kellha tapplika d-disposizzjoni tal-**Kap. 317** u mhux tal-**Kodici Civili**, kellhom japplikaw l-**artikoli 4, 5, 7 u 8 ta' l-istess Att** li a bazi taghhom il-kuntratt mertu tal-kawza kellu jigi dikjarat null u *in ogni* kaz imur kontra d-disposti ta' l-**artikolu 44 (2) tal-Kap. 378**.

Illi jrid jinghad illi l-Qorti ta’ l-Appell eskludiet l-applikabilita` tal-**Kap. 317 tal-Ligijiet ta’ Malta** mhux biss a bazi ta’ l-**artikolu 3 (d)** ta’ l-istess Att li jipprovdi illi kuntratti li jirrigwardaw immobbli jew drittijiet relattivi huma eskluzi mill-parametri tal-**Kap. 317**. Izda l-Qorti ta’ l-Appell eskludiet l-applikabilita` ta’ dan l-Att primarjament peress illi u wara li, minn ezami tal-provi mressqa, irrizulta skont l-apprezzament tal-fatti minnha maghmul illi l-kuntratt gie konkluz bejn il-partijiet bl-inizjattiva esklussiva tal-konvenuti.

Illi fil-fatt fl-istess sentenza din l-istess Qorti rriteniet illi l-fatt li l-kuntratt gie konkluz fid-dar tal-konvenuti appellanti ma jwassalx lill-istess Qorti ghall-konkluzjoni illi tali kuntratt huwa wiehed ikklassifikat bhala wiehed *“fuq l-ghatba tal-bieb”* (*doorstep contract*) u li ghalhekk jaqa’ fil-parametri tal-**Kap. 317.**

Illi s-sentenza appellata kienet cara f’dan is-sens. Fil-fatt, il-Qorti, fil-kunsiderazzjonijiet taghha, trattat proprju l-lanjanza tal-konvenuti appellanti u ghamlet numru ta’ riflessjoniet li qeghdin jigu riprodotti hawn *ad verbatim*:

*“Ir-riflessjonijiet generali li taghmel din il-Qorti tal-ligi specjali promulgata bil-**Kapitolu 317** huma s-segwenti:-*

*(1) L-Att huwa wiehed limitativ ghar-regolamentazzjoni ta' provediment jew fornitura ta' kull tip ta' oggetti jew ta' servizzi maghmula minn persuna, appositament licenzjata, permezz ta' kuntratt "fuq l-ghatba tal-bieb", ossija, kif alternattivament maghrufa, bhala "offertafuori sede", jew "extra-murali", jew "vendita a domicilio";*

*(2) Din l-istess regolamentazzjoni jidher li kienet hekk principalment intiza mil-legislatur biex tittutela u tipprotegi lill-konsumatur billi fil-kazijiet precitati toffrilu l-possibbilta` li, wara debita riflessjoni fuq il-konkluzjoni tal-affari ghal liema ssottoskriva, hu jkun jista' ghal perijodu ta' zmien, jirretrocedi mill-kuntratt u jxolji l-obbligi tieghu li minn dak il-kuntratt idderivaw;*

*(3) Il-koncessjoni ta' din il-jus poenitendi huwa proprjament mahsub biex jovvja ghall-perikolu ta' operazzjoni "aggressiva" jew "sorprendenti" mill-bejjiegh, anke jekk mhux necessarjament illecita jew ingannevoli;*

*(4) Naturalment, din il-karatteristika evidenti tal-ligi hi intiza biex tkopri "la sorpresa con cui l'offerta viene fatta al risparmiatore che e` raggiunto dalle sollecitazioni senza essersi mosso spontaneamente per cercarla" (**F. Piga - A. M. Segni**, voce "**Societa' e borsa**", in "**Enciclopedia del diritto**", Vol. XLII, Ed. 1990, pagna 1151), u mhux ukoll ghall-kaz fejn il-kontrattazzjoni tkun dovuta ghall-inizzjattiva tal-konsumatur innifsu. Din l-ahhar prospettiva hi, anzi, eskluza mill-portata tal-Att. Ara **artikolu 3 (a) tal-Kapitolu 317;***

*Applikat dan li nghad ghal fattispeci tal-kaz in ezami din il-Qorti ma ssibx li tista' ssostni l-eccezzjoni tal-appellanti riferibilment ghall-applikabbilta` tal-Att imsemmi. L-atti probatorji juru li kienu l-appellanti nfushom li rricerkaw l-assistenza tas-socjeta` attrici ghar-reklamar tal-bejgh tal-fond taghhom. Kienet din l-inizjattiva esklusiva taghhom li wasslet ghall-konkluzoni tal-kuntratt ta' bejniethom. Il-fatt li dan l-istess kuntratt gie kompletat u ffirmat mill-kontraenti fid-dar tal-appellanti hi xi haga merament incidentali, dovuta wkoll ghall-fatt illi, kif spjegat mix-xhud Edward Baldacchino (fol. 38), "wiehed irid jara l-proprjeta`".*

*<u>Agguntivament,</u> wiehed ma jridx lanqas jinsa illi "kuntratti li jirrigwardaw il-proprjeta` mmobbli jew drittijiet relattivi" [**artikolu 3 (d)**] huma wkoll eskluzi mill-isfera ta' applikazzjoni taht il-ligi partikolari."*

Illi ghalhekk ma jistax jinghad illi l-Qorti ta' l-Appell ma kkunsidratx id-disposti tal-**Kap. 317** b'mod illi skartathom minghajr gustifikazzjoni legali u lanqas jista' jinghad li d-decizjoni taghha kienet ippremjata biss fuq id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 3 (d) tal-Kap. 317** kif l-ahhar bran citat jindika bl-iktar mod palez anke bil-kliem sottolineat minn din il-Qorti.

Illi l-Qrati taghna gew diversi drabi affaccjati b’talbiet simili a bazi tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** u l-gurisprudenza f’dan is-sens hija wahda kostanti. Sentenza ricenti u rilevanti f’dan is-sens u li tissintetizza l-hsieb tal-Qrati lokali f’dan l-ambitu hija **“Malta Development Corporation vs Medcast Foundry Limited”** (A.C. – 14 ta’ Ottubru 2008) li rriteniet illi:-

*“In tema legali jigi osservat illi jinsab stabbilit illi fil-gurisprudenza, li fil-kaz ta’ ritrattazzjoni bbazata fuq applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti kif gew stabbiliti fis-sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, mhumiex aktar sindakabbli. Ghalhekk f’dan l-istadju m’ghandux isir ezami mill-gdid tal-fatti tal-kawza u lanqas jigu ivvalutati jew interpretati mod iehor ghajr kif gew diterminati u vvalutati fis-sentenza impunjata. [App. S. Xuereb utrinque 20.1.1992]. Per vedere se vi sia male applicazione della legge deve predersi per **unica base il fatto come stabbilito** dalla Corte della sentenza impugnata.” [Vol. XXVII.I.43)”.*

Illi hu stabbilit illi hemm lok ghal ritrattazzjoni jekk jirrizulta illi l-Qorti tkun applikat il-ligi hazina ghall-fatti, u mhux jekk tapplika l-ligi ghal dawk il-fatti hazin. *“L-ipotesi ta’ applikazzjoni hazina tal-ligi, tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni espressa tal-ligi espressa u cara u mhux soggetta ghall-interpretazzjoni, razzjoncinju u argumenti.”*

*“… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati mod iehor, ghajr kif gew vvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata.*

*Ikun hemm lok ta’ interpretazzjoni fuq dan il-motiv jekk fuq dawk il-fatti ppruvati, ikun jidher illi l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi minflok ohra li kellha proprjament tigi applikata …. [cioe`] applikat il-ligi hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi tajba b’mod hazin.”*

Illi f'dan is-sens hemm serje ta' sentenzi ohra fuq dan il-punt fosthom **"Joseph Difesa vs L-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u L-Ippjanar"** (A.C. - 6 ta' April 2005); **"Alfred Grech et vs Joseph Muscat et"** (A.C. - 28 ta' Jannar 2005); **"Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella noe"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004); **"Guido Vella J A & CE vs Dr. Emmanuel Cefai"** (A.C. 27 ta' Marzu 2003); **"Emmanuel Demanuele et vs Fast Food Services Ltd"** (A.C. - 2 ta' Gunju 2003); **"Michael Charles Gauci vs Alfred Vella pro et noe"** (A.C. - 10 ta' Ottubru 2003); u **"Philip Amato Gauci et vs Angelo Agius"** (A.C. - 24 ta' Novembru 2003).

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta illi kemm il-Qorti tal-Prim Istanza kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell fl-applikazzjoni tal-ligi ghall-kaz in ezami, ezaminaw il-fatti qabel ma raw liema disposti tal-ligi kellhom japplikaw. Il-Qorti tal-Appell fil-fatt wara li wiznet il-provi quddiemha u mill-provi hekk imressqa ikkunsidrat li fil-fatt il-kuntratt ta' bejn il-partijiet ma huwiex wiehed illi jikkwalifika bhala kuntratt fuq l-ghatba tal-bieb u ghalhekk ma jaqax fil-parametri tal-**Kap. 317** u dan gie ezaminat fil-kuntest tad-diversi artikoli tal-istess Att, imbaghad ressqet sabiex tapplika d-disposizzjonijiet idonei ghall-kaz u cioe` d-disposti kontenuti fil-**Kodici Civili** - **Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi ma huwiex l-irwol ta' din il-Qorti illi tezamina u tissindika d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Appell fl-evalwazzjoni tal-provi mressqa quddiemha. Ma huwiex l-irwol ta' din il-Qorti illi f'din is-sede terga' tevalwa l-provi mressqa quddiem il-Qorti ta' l-Appell sabiex tara jekk l-evalwazzjoni saritx tajjeb jew le u dan anke wara illi l-istess Qorti tal-Appell ezaminat l-applikabilita` *o meno* tal-**Kap. 317** invokat mill-konvenuti, qabel ma kkonkludiet illi dan l-Att ma kienx applikabbli ghall-kaz illi kellha quddiemha. F'din is-sede din il-Qorti ghandha tistrieh fuq il-provi u l-interpretazzjoni u l-evalwazzjoni taghhom illi tkun tat il-Qorti ta' l-Appell u certament f'din is-sede ma huwiex l-irwol taghha illi taghti xi interpretazzjoni gdida tal-fatti (ara **"Demanuele et vs Fast Food Services Limited"** citata iktar 'il fuq).

Illi fil-fatt jirrizulta li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni tal-istess artikoli appositi tal-**Kap. 317** nkluzi dawk li l-istess konvenuti u ritrattandi attwali qed jiccitaw u li huma jikkunsidraw bhala applikabbli ghall-kaz in ezami u fil-verita' dak li qed jaghmlu l-istess ritrattandi huwa li qed jikkontestaw l-interpretazzjoni li tat il-Qorti tad-disposizzjonijiet relattivi msemmija tal-**Kap. 317** u ghalhekk effettivament qed jattakkaw l-interpretazzjoni tal-ligi li l-Qorti tat espressament interpretazzjoni dwarha, haga li ma hijiex permessibbli bhala bazi ta' ritrattazzjoni a bazi tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12.**

Illi ghalhekk tenut kont illi l-Qorti ta' l-Appell wara ezami tal-provi, waslet ghall-konkluzjoni illi l-ftehim illi kellha quddiemha ma kienx wiehed illi jikkwalifika bhala wiehed maghmul fuq l-ghatba tal-bieb, u dan wara li l-istess Qorti ezaminat u tat interpretazzjoni tal-artikoli appositi tal-**Kap. 317,** nkluz dawk citati wkoll mir-ritrattandi, din il-Qorti allura thoss li dak sottomess mir-ritrattandi odjerni ma jaqax fil-parametri tal-ligi citata u din il-Qorti ma ghandhiex u ma tistax tirrevedi tali interpretazzjoni tal-ligi kif moghtija skont id-disposizzjonijiet ta' ritrattazzjoni msemmija u ghalhekk ma tistax tirrivizita dan il-hsieb gja kkunsidrat minn din il-Qorti fis-sentenza hawn oggett tar-ritrattazzjoni.

Illi hawn huwa relevanti dak li inghad fis-sentenza **"Michael Cutajar vs Roberta Muscat"** (A.I.C. (PS) – 12 ta' Mejju 2003) fejn inghad li hemm lok ghar-ritrattazzjoni taht din id-dispost "*meta s-sentenza fuq il-punt ta' fatt kif stabbilita bis-sentenza impunjata ma tkunx konformi mal-ligi, u meta l-kaz ma jkunx in referenza ghall-interpretazzjoni ta' xi ligi li fuqha d-decizjoni giet espessament moghtija"* **("Emmanuel Bonello et vs Edmund Percy Larchin"** – A.C. – 15 ta' Dicembru 1945). Effettivament l-ipotesi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta' ligi espressa u cara u mhux suggetta ghall-interpretazzjoni, razjocinji jew argomenti kif ritenut fil-kawzi **"George Xeureb vs Dorothy Xeureb"** (A.C. – 20 ta' Jannar 1992) u **"Malta Development Corporation vs**

**Medcast Foundary Limited”** (A.C. – 14 ta’ Ottubru 2008).

Illi dan huwa wkoll konformi mal-principju li l-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** ghandu jinghata interpretazzjoni strettissima u ma jistax jintuza mill-partijiet sabiex, f’kaz illi ma jaqblux ma’ l-interpretazzjoni tal-ligi illi taghti l-Qorti, huma jkollhom il-jedd ghall-appell iehor mill-gdid (ara f’dan is-sens sentenza fl-ismijiet **“Gauci vs Vella pro et noe”** citata iktar ‘il fuq).

Illi ghalhekk din il-Qorti ma hijiex tal-fehma illi l-konvenuti ritrattandi huma gustifikati fit-talbiet taghhom sabiex is-sentenza fl-ismijiet **“F. Advertising Limited vs Franco Grixti et”** mghotija mill-Qorti ta’ l-Appell fit-28 ta’ Novembru 2008 tigi mhassra u revokata u ghalhekk it-talbiet tal-istess rikorrenti ritrattandi Francis u Antonia Grixti fir-rikors taghhom datat 27 ta’ Frar 2009 qed jigu michuda

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi** billi **tichad ir-rikors** tal-konvenuti ritrattandi datat 27 ta’ Frar 2009 ghar-ritrattazzjoni u ghas-smigh mill-gdid tal-kawza fl-ismijiet **“F. Advertising Limited vs Franco Grixti et”** mghotija fit-28 ta’ Novembru 2008 mill-Qorti tal-Appell ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti ritrattandi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------